DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/468

tal-25 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2007/116/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' numru riżervat addizzjonali li jibda b'116

(notifikata bid-dokument C(2022) 8407)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 93(8) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE ([2]) tistabbilixxi proċedura għar-riżervar tan-numri nazzjonali għal servizzi armonizzati ta' valur soċjali. L-Anness ta' dik id-Deċiżjoni fih lista ta' numri f'din il-firxa numerika u s-servizzi li għalihom huwa riżervat kull numru.

(2) Il-Kummissjoni identifikat servizz ġdid — Linja għall-Għajnuna għall-Vittmi ta' Vjolenza kontra n-Nisa - bħala servizz ta' valur soċjali li jista' jibbenefika minn numru armonizzat. Għal dawn ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/116/KE jiġi emendat biex jintroduċi n-numru riżervat addizzjonali 116 016.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/116/KE tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunikazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/116/KE huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li mit-30 ta' April 2023 l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali kompetenti tkun tista' tassenja n-numru li jiżdied mal-lista tan-numri riżervati għas-servizzi armonizzati ta' valur soċjali fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriżervar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'116 għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 49, 17.2.2007, p. 30).

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Helena DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Lista ta' numri riżervati għal servizzi armonizzati ta' valur soċjali

Numru	Servizz li għalih in-numru huwa riżervat	Kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mad-dritt ta' użu ta' dan in-numru
116 000	*Isem is-servizz:* Hotline għat-tfal neqsin *Deskrizzjoni:* Is-servizz (a) jirċievi telefonati li jirrapportaw tfal neqsin u jgħaddihom lill-pulizija; (b) joffri gwida lill-persuni responsabbli għat-tfal neqsin u jappoġġahom; (c) jappoġġa l-investigazzjoni.	Is-servizz huwa kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu).
116 006	*Isem is-servizz:* Linja tal-għajnuna għall-vittmi ta' reat kriminali *Deskrizzjoni:* Is-servizz jippermetti li l-vittmi ta' reat kriminali jsibu appoġġ emozzjonali fit-tali ċirkustanzi, ikunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-modi kif jitolbu d-drittijiet tagħhom, u jiġu riferuti għall-organizzazzjonijiet rilevanti. B'mod partikolari, jipprovdi informazzjoni dwar (a) il-pulizija lokali u l-proċedimenti tal-ġustizzja kriminali; (b) possibbiltajiet ta' kumpens u kwistjonijiet ta' assigurazzjoni. Jipprovdi wkoll appoġġ fis-sejbien ta' sorsi oħra ta' għajnuna rilevanti għall-vittmi ta' reat kriminali.	Meta s-servizz ma jkunx kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu), il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, u li matul il-perjodi meta s-servizz ma jkunx disponibbli, dawk li jċemplu għas-servizz ikunu infurmati dwar meta s-servizz se jerġa' jsir disponibbli.
116 016	*Isem is-servizz:* Linja għall-għajnuna għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa *Deskrizzjoni:* Is-servizz jippermetti li l-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa jsibu assistenza u appoġġ, ikunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-modi kif jitolbu d-drittijiet tagħhom, u jiġu riferuti għall-organizzazzjonijiet rilevanti.	Meta s-servizz ma jkunx kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu), il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, u li matul il-perjodi meta s-servizz ma jkunx disponibbli, dawk li jċemplu għas-servizz ikunu infurmati dwar meta s-servizz se jerġa' jsir disponibbli.
116 111	*Isem is-servizz:* Linji għall-għajnuna għat-tfal *Deskrizzjoni:* Is-servizz jgħin lit-tfal li jeħtieġu l-kura u l-protezzjoni u jqabbadhom ma' servizzi u riżorsi; jagħti l-opportunità lit-tfal li jesprimu t-tħassib tagħhom, li jitkellmu dwar kwistjonijiet li qed jaffettwawhom direttament u jikkuntattjaw lil xi ħadd f'sitwazzjoni ta' emerġenza.	Meta s-servizz ma jkunx kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu), il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, u li matul il-perjodi meta s-servizz ma jkunx disponibbli, dawk li jċemplu għas-servizz ikunu infurmati dwar meta s-servizz se jerġa' jsir disponibbli.
116 117	*Isem is-servizz:* Servizz tal-għassa medika għal każijiet mhux ta' emerġenza *Deskrizzjoni:* Is-servizz jidderieġi lil dawk li jċemplu għall-assistenza medika xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom, li jkunu urġenti imma mhux ta' theddida għall-ħajja, speċjalment, imma mhux esklużivament, barra mill-ħinijiet normali tal-uffiċċju, matul tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi pubbliċi. Iqabbad lil min iċempel ma' persuna kwalifikata u li tagħti l-appoġġ, jew iqabbad lil min iċempel direttament ma' tabib jew ma' min imexxi l-klinika kkwalifikati.	Meta s-servizz ma jkunx kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu), il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, u li matul il-perjodi meta s-servizz ma jkunx disponibbli, dawk li jċemplu għas-servizz ikunu infurmati dwar meta s-servizz se jerġa' jsir disponibbli.

116 123	*Isem is-servizz:* Linji għas-sostenn emozzjonali *Deskrizzjoni:* Is-servizz jippermetti lil min iċempel li jibbenifika minn relazzjoni umana ġenwina msejsa fuq smigħ li huwa ħieles minn kull ġudizzju. Joffri sostenn emozzjonali lil dawk li jċemplu li jsofru mis-solitudni, fi stat ta' kriżi psikoloġika jew li jkunu qed jikkontemplaw is-suwiċidju.	Meta s-servizz ma jkunx kontinwament disponibbli (jiġifieri 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, mal-pajjiż kollu), il-fornitur tas-servizz irid jiżgura li l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, u li matul il-perjodi meta s-servizz ma jkunx disponibbli, dawk li jċemplu għas-servizz ikunu infurmati dwar meta s-servizz se jerġa' jsir disponibbli.